MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 885/2006

**Melita Cable plc (C 12715) u Video On-Line Limited (C 19013)**

**vs**

**Carmelo Balzan**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta` Melita Cable plc u Video On-Line Limited:

1. Permezz ta` decizjoni tat-Tribunal ghat-talbiet tal-Konsumaturi (it-“Tribunal”) ta` l-10 ta` Awissu, 2006 bin-numru ta` l-avviz CCT 123/05, kopja ta` liema tinsab annessa ma` dan ir-rikors u mmarkata Dokument “MC1”, it-Tribunal sab illi: *“L-intimat issottometta li t-Tribunal mhux kompetenti sabiex jiddeciedi l-kaz. Pero` t-Tribunal jiddeciedi li huwa kompetenti stante illi r-rikorrenti qed jitlob li ma jhallasx tas-servizz li qed jinghata lilu peress li l-intimat ghadda cable mill-proprjeta` tieghu u ghalhekk*

*qed jitlob id-danni f`dan ir-rigward. Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad l-ewwel eccezzjoni tal-kompetenza kif ukoll it-tieni eccezzjoni ta` razzione materja".* It-Tribunal ordna wkoll illi *"l-intimati in solidum jipprovdu s-servizz ta` l-internet cable lir-rikorrenti b`xejn sakemm l-internet cable jkun ghaddej mill-proprjeta` tar-rikorrenti u dawn bl-ispejjez kontra l-intimati in solidum"*.

2. Is-socjetajiet rikorrenti jhossu illi dan l-ghemil tat-Tribunal imur kontra l-ligi u specifikatament imur oltre l-kompetenza li ghandu l-istess Tribunal ai termini ta` l-artikolu 20 tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta` Malta u illi ghal din ir-raguni tali eghmil jisthoqq illi jigi mistharreg minn din l-Onorabbli Qorti ai termini ta` l-artikolu 469A tal-Kap. 12 u partikolarment taht is-sub-artikolu (1) (b) ta` l-istess;

3. L-ilment tas-socjetajiet rikorrenti huwa principalment is-segwenti.

4. L-intimat Carmelo Balzan ressaq it-talba tieghu quddiem it-Tribunal fejn talab li jigi awtorizzat ma jhallasx tas-servizz ta` l-*internet* kemm-il darba is-socjetajiet rikorrenti, gja intimati, jhallu l-*cables* taghhom ghaddejjin minn gol-garaxx tieghu, kopja ta` liema talba qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "MC2";

5. Is-socjetajiet rikorrenti eccepew in-nuqqas ta` kompetenza tat-Tribunal stante li Carmelo Balzan ma kienx qieghed jilmenta dwar is-servizz li huwa abbonat ghalieh izda kien qed jilmenta dwar *cable* li kien mghoddi mill-garaxx tieghu u li tali lment u r-rimedju ta` danni mitlub ma jinkwadrax fil-parametri ta` dak li dwaru jista` jiddeciedi t-Tribunal, kopja ta` din ir-risposta tinsab hawn annessa u mmarkata Dokument "MC3";

6. Is-socjetajiet rikorrenti, anke fin-noti ta` sottomissjonijiet taghhom quddiem it-Tribunal, kopja ta` liema jinsabu hawn annessi u mmarkati Dokument "MC4" u "MC5" sostnew illi (i) m`hemm ebda relazzjoni kuntrattwali bejn Carmelo Balzan u l-Melita Cable plc ghaliex Balzan ma huwiex abbonat ghal *cable television* (izda kien biss abbonat ghall-*cable internet*) u allura

mhuwiex klijent tal-Melita Cable plc; (ii) illi l-ilment dwar il-*cable* fil-garaxx tieghu ma setax jigi ndirizzat lil Video On-Line Limited ghaliex hija l-Melita Cable plc li topera network ta` fili madwar Malta u l-Video On-Line Limited semplicement thallas rata mensili ghall-uzu ta` dawn il-fili lil Melita Cable plc; u (iii) wkoll illi l-kompetenza tat-Tribunal hija cirkoskritta fl-artikolu 20 tal-Kap. 378 u li skond dan l-artikolu t-Tribunal ghandu kompetenza jisma` u jaqta` talbiet maghmula minn konsumaturi kontra kummercjanti meta l-valur tat-talba, minbarra l-imghax u l-ispejjez, ma jkunx aktar minn elf u hames mitt lira u meta t-talba jkollha x`taqsam ma`, tohrog minn jew tkun dwar, sew direttament jew indirettament x-xiri jew kiri minn konsumatur ta` oggetti minghand kummercjant jew dwar l-ghoti ta` servizzi minn kummercjant lill-konsumatur.

7. Jirrizulta palezament illi l-ilment ta` Carmelo Balzan ma kienx naxxenti mis-servizz li kienet qed tipprovdi l-Video On-Line Limited permezz tal-*cable internet* lill-istess Balzan izda l-ilment tieghu kien biss dwar *cable* li kien jinsab fil-proprjeta` tieghu u li minhabba fl-ezistenza ta` l-istess, Balzan deherlu li kellu dritt jressaq l-ilment tieghu quddiem it-Tribunal b`talba specifika sabiex ma jhallasx ghas-servizz ta` l-*internet* sakemm jibqa` l-*cable* fil-garaxx tieghu;

8. It-Tribunal minghajr ma ta` ebda raguni sab illi fil-fatt huwa kompetenti sabiex jiddeciedi t-talba ta` Balzan u awtorizzah ma jhallasx ghas-servizz ta` l-*internet*;

9. It-Tribunal awtorizza rimedju li bilfors ikollu jigi pprovdut mill-Video On-Line Limited, minhabba li hija din is-socjeta` li tirregola u tipprovdi s-servizz ta` l-*internet*, meta l-ilment mhuwiex dwar is-servizz ta` l-*internet per se* izda huwa dwar *cable* fil-garaxx ta` Carmelo Balzan, liema *cable* jigi operat u huwa proprjeta` ta` socjeta` ohra u cioe`, il-Melita Cable plc;

10. Hija l-fehma umli tas-socjetajiet rikorrenti illi dan l-eghmil, u cioe` din id-decizjoni, tmur kontra l-ligi li tistipula l-kompetenza li ghandu t-Tribunal u cioe` dik miktuba fl-artikolu 20 tal-Kap. 378;

11. It-Tribunal ta` rimedju lil Carmelo Balzan liema rimedju kien naxxenti minn lment li ma kienx jaqa` fil-parametri ta` dawk l-ilmenti li dwarhom ghandu kompetenza t-Tribunal;

12. Ghalhekk jirrizulta illi dan it-Tribunal mar oltre l-*vires* moghti lilu u cahad, minghajr ebda raguni, l-eccezzjoni tas-socjetajiet rikorrenti dwar il-kompetenza tat-Tribunal;

Talbu lil konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. tiddikjara illi l-eghmil tat-Tribunal, u senjatament id-decizjoni tat-Tribunal illi jichad l-eccezzjoni tal-kompetenza ta` l-istess Tribunal, huwa *ultra vires* il-kompetenza tat-Tribunal u jmur kontra dak stipulati fl-artikolu 20 tal-Kap. 387;

2. thassar u tannulla d-decizjoni tat-Tribunal, u senjatament id-decizjoni tat-Tribunal illi jichad l-eccezzjoni tal-kompetenza ta` l-istess Tribunal.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta` Carmelo Balzan.

1. Is-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi tal-10 ta` Awissu, 2006 bin-numru ta` l-Avviz CCT123/05 hija *res judicata* u konsegwentement din il-kawza mhijiex proponibbli.

2. Is-socjetajiet rikorrenti, ai termini ta` l-artikolu 22 tal-Kap. 378, kellhom opportunita` li jintavolaw appell minn din is-sentenza liema rimedju ma giex uzat mill-istess socjetajiet u ghalhekk din is-sentenza ghaddiet in gudikat u konsegwentement hija inappellabbli.

3. Fil-premessi tar-rikors, is-socjetajiet atturi jiccitaw l-artikolu 469A tal-Kap. 12, li jirreferi ghall-istharrig dwar l-ghemil amministrattiv. Illi d-decizjoni tat-Tribunal ma

tikkostitwix ghemil amministrattiv kif imfisser mill-artikolu 469A(2) u ghalhekk ir-rimedji provduti minn dan l-artikolu m`humiex applikabbli fil-kaz odjern.

4. Fil-mertu t-Tribunal ma eccediex il-kompetenza tieghu u agixxa fil-kompetenza kif stabbilita mill-ligi, senjatament fil-Kap. 378.

5. Ghalhekk, it-talbiet tas-socjetajiet attrici ghandhom jigu michuda.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi s-socjetajiet rikorrenti ihossu li permezz ta` decizjoni moghtija mit-Tribunal tal-Konsumatur fl-10 ta` Awissu, 2006 l-istess Tribunal mar oltre l-kompetenza tieghu ai termini tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta` Malta u ghalhekk qed jitolbu li jisthargu l-istess eghmil a bazi l-Art. 469A tal-Kap. 12, partikolarment is-subartikolu 1(b) tal-istess.

L-intimat qed jirribatti billi jghid li d-decizjoni *de quo* hija *res judicata*. Kieku riedu r-rikorrenti odjerni setghu jappellaw ai termini tal-Art. 22 tal-Kap. 378, u dan ma ghamluhx.

Il-Qorti tibda biex tirreferi ghall-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta li jipprovdi ghall-istharrig amministrattiv li qed jitolbu r-rikorrent. L-Art. 469A jipprovdi ghall-istharrig ta` eghmil amministrattiv, inter alia meta (b) eghmil amministrattiv ikun *ultra vires* ghal xi raguni minn dawn li gejjin:

(i) meta dak l-ghemil jitwettaq minn awtorita` pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew

(ii) meta l-awtorita` pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta` l-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta` qabel dwar dak l-eghmil; jew

(iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta` l-awtorita` pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

(iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi.

Huwa fuq dan l-Artikolu li s-socjetajiet rikorrenti qeghdin jibbazaw il-kawza taghhom.

Il-Qorti tinnota ukoll illi is-subinciz (4) tal-istess artikolu jipprovdi illi:

*"(4) Id-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta` kontestazzjoni jew ta` ksib ta` rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f`xi ligi ohra".*

Il-Qorti tosserva li Kap. 378 tal-Ligijiet ta` Malta, liema ligi tipprovdi ghat-twaqqif tat-Tribunal ghal Talbiet ta` Konsumaturi tipprovdi ghall-possibilita` ta` appell minn decizjoni tat-Tribunal fil-kazijiet li gejjin:

*"(a) fuq kull haga li jkollha x`taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal; jew*

*(b) fuq kull kwistjoni ta` preskrizzjoni; jew*

*(c) meta t-Tribunal ikun mar kontra l-principji ta` gustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta` min jappella."*

Fid-dawl ta` dan kollu, il-vertenza essenzjali f`din il-kawza tiddistilla ruha fil-kwistjoni jekk is-socjetajiet rikorrenti odjerni effettivament kellhomx dritt ta` appell. Ghalkemm, kif intqal aktar ‘il fuq, id-dritt ta` appell m`huwiex illimitat, u dan skond il-fuq citat Art. 22(2), l-interpretazzjoni tieghu li kontinwament tinghata mill-Qorti tal-Appell tixhed konsiderazzjoni wiesgha u komprensiva bizzejjed u twassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li effettivament seta` jigi intavolat appell f`dan il-kaz.

Fis-sentenza Josephine Magro vs Mondial Holidays (28 ta` Marzu, 2007) il-Qorti tal-Appell iddikjarat:

*“Hekk allura ma jistax jinghad li tkun saret dik il-gustizzja sostantiva li jippreskrivi l-Artikolu 21(1) tal-Kapitolu 378 jekk id-decizjoni iggib kundanna ghal danni inkonsistenti mal-provi akkwiziti kemm fuq il-livell fattwali kif ukoll dak legali”.*

Kif ukoll is-sentenza moghtija fil-kawza Gruppetta vs Sullivan (17 ta` Ottubru, 2007) fejn il-Qorti tal-Appell qalet:

*“... huwa forsi opportun li jigi ghal darba ohra ri-affermat illi r-regola ta` gustizzja naturali ma tikkomprendix biss li l-kollitigandi jkollhom l-opportunita` shiha li jressqu l-provi u jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom imma wkoll li d-decizjoni ultima mit-Tribunal tirrifletti l-verifika korretta tal-fatti”.*

Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza Zarb vs Azzopardi (28 ta` Marzu, 2007);

*“Tajjeb hawn li wiehed ifakkar dak rilevat minn din il-Qorti, diversament presjeduta, in re: “Rose Loftus et-vs-Ray Mallia (Blye Engineering Co. Ltd)”, 9 ta` Lulju, 1999, jigifieri, li fl-assenza ta` rabta logika bejn il-motivazzjoni u d-decizjoni jew fil-kaz li dik l-istess rabta tkun tirrisulta kontradittorja jew non-konsegwenzjali, allura jkun jonqos element essenzjali tad-decizjoni u dan jirrendiha invalida:”*

Kif ukoll:

*“Il-lezjoni tal-principju ta` gustizzja naturali jista` jitnissel fejn, ad ezempju bhala f`dan il-kaz, id-decizjoni timporta kundanna ghal danni inkonsistenti ghal kollox mal-provi akkwiziti, kemm fuq pjan fattwali kif ukoll fuq livell guridiku”.*

Fid-dawl ta` dan kollu, il-Qorti hi tal-fehma li jissussistu c-cirkostanzi komtemplati fl-Art. 469A(4) tal-Kap. 12 u ghalhekk l-istess rikorrenti kellhom ir-rimedju tal-appell moghti mill-ligi specifika u cioe` Kap. 378 stess.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa l-eccezzjonijiet tal-intimat tichad it-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------